Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru 1129/2010AE

**Go plc**

**Vs**

**John Muscat**

L-Erbgha, 27 ta' April 2016.

L-attrici harrket lill-konvenut quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ghall-hlas ta' 2,447.96 ghall-hlas ta' kontijiet. Il-konvenut wiegeb li ebda hlas ma kien dovut lilu. B'sentenza tas-26 ta' Marzu 2014 it-Tribunal cahad l-eccezzjoni u kkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici s-somma ta' €2,447.96 bl-imghax mis-17 ta' Dicembru 2010.

Mis-sentenza appella l-konvenut fejn ghall-ewwel darba eccepixxa l-preskrizzjoni *ai termini* tal-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili.

L-appellata wiegbet:

1. L-eccezzjoni tal-preskrizzjoni qatt ma nghatat mill-appellant.
2. Id-difensur tal-appellant kienet ikkonfermat li saru pagamenti. Ziedet li l-ahhar pagament li kien sar kien fil-15 ta' Settembru 2005, filwaqt li l-kawza giet proposta fit-12 ta' Lulju 2010. Ghalhekk ma kienx hemm it-trapass ta' 5 snin kontemplati fl-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili.

Il-qorti rat l-atti u tosserva:-

1. L-appellant appella biss biex jipproponi eccezzjoni ta' preskrizzjoni.
2. Waqt is-seduta tal-10 ta' Gunju 2011 id-difensur tal-appellant infurmat lit-Tribunal li l-klijent taghha kien qalilha li kienu saru xi pagamenti.
3. Fil-prospett prezentat mill-attrici jinghad li fil-15 ta' Settembru 2005 sar *Account Payment* ta' €465.87. Fatt li ma giex kontestat mill-appellant. Dan ifisser li minn dakinhar il-perjodu ta' preskrizzjoni rega' beda jiddekorri. Peress li l-attrici pprezentat il-kawza fit-12 ta' Lulju 2010, kien ghadhom m'ghaddewx il-hames snin kontemplati fl-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili. Ghalhekk l-azzjoni tal-attrici m'hijiex preskritta.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellant**.

Anthony Ellul.